MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1067/2005

Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Blata s.r.o. registrata fir-Repubblika Ceka u li ghandha numru ufficjali CZ5604113009
vs
Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Liliana Buhagiar li b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2005 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Yongkang Hardware City Import and Export Co. Ltd ta' 11th Floor of Post Building No. 3090, Jiuling Eastern Road, Yongkang, Zhejiang, China

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha ppremetta:

Illi l-kumpannija attrici kienet proprjetarja tal-*Community Design* numru 000346697-0001 registrat mal-*Office for*

*Harmonisation in the Internal Market (OHIM)* ghall-produzzjoni ta' motocikletti b'erba' roti kif kien jidher mill-kopja tac-certifikat ta' registrazzjoni mahrug mill-OHIM (anness mac-citazzjoni bhala Dok 'A');

Illi matul il-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Ottubru, 2005 kien iddahhal gewwa Malta abbord il-bastiment CMA-CGM BALZAC u wara intervent fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-kumpannija attrici, kien tnizzel gewwa z-zona hielsa tal-Malta Freeport gewwa Kalafrana *container* li kien igib in-numru ECMU1768177 u kien kontenenti konsenja ta' madwar mija u ghoxrin (120) motocikletta b'erba' roti u xi *spare parts* ghall-istess motocikletti li kienu gew prodotti bid tad-disinn registrat proprjeta` tal-kumpannija attrici izda minghajr il-kunsens taghha, u li ghalhekk kienu oggetti pirati li kienu jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tal-kumpannija attrici;

A tenur tal-Artikolu 5 tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kumpannija attrici kienet avzat lill-Kontrollur tad-Dwana dwar il-wasla ta' dan il-*container* u wara li kienu saru d-debiti kunsiderazzjonijiet dwar l-informazzjoni moghtija lilu sabiex ikun sodisfatt illi l-*container* kien jista` jikkontjeni oggetti mdahhla b'piraterija (kif miftiehem a tenur tal-Artikolu 2 tal-Kap 414), il-Kuntrullur tad-Dwana kien ordna li jinzamm ir-rilaxx tal-*container* u li jigi ezaminat il-kontenut tieghu;

Illi wara li kien gie ezaminat il-kontenut tal-*container* kien irrizulta fil-fatt illi l-motocikletti u l-*ispare parts* illi kien hemm gewwa fih kienu oggetti mdahhla b'piraterija stante li huma kienu kopji tal-motocikletti li kienet tipproduci l-kumpannija attrici maghmula minghajr il-kunsens tal-kumpannija attrici bhala proprjetarja tad-disinn registrat ghall-produzzjoni ta' l-istess motocikletti;

Illi rrizulta wkoll mill-kuntratt ta' garr (*Bill of Lading*) mahrug ghal parti mill-vjagg ta' dan il-*container* li l-proprjetarju ossija x-*shipper* tal-merkanzija kienet il-kumpannija konvenuta (Dok 'B');

Illi kien irrizulta wkoll illi din il-merkanzija kienet originat mic-Cina u kienet destinata ghall-Germanja (ara Dok ‘B’) izda l-importatur Germaniz kien irrifjuta li jiehu l-merkanzija wara li kien gie avzat illi l-istess merkanzija kienet pirata u ghalhekk il-merkanzija kienet fi trieqitha lura lejn ic-Cina meta ddahhlet Malta;

Illi l-agir tal-kumpannija konvenuta kien bi ksur tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew (EC) Numru 6/2002 tat-12 ta’ Dicembru, 2001 dwar id-Disinni Tal-Kommunita` (*Community Designs*), kif ukoll tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju, 2003 dwar l-Azzjoni li ghandha tiehu d-Dwana kontra Oggetti Suspettati li Jikkontravvjenu certu Drittijiet dwar Proprjeta’ Intellettwali u l-Mizuri li ghandhom Jittiehdu fil-Konfront ta’ Tali Oggetti u kif ukoll bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-oggetti in kwistjoni issa maqbuda taht l-Awtorita` tad-Dwana kienu oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tal-kumpannija attrici skond l-Artikolu 2(1)(b) ta’ l-istess Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kumpannija attrici kellha interess illi dawn l-oggetti jigu mnehhija minn fuq is-suq b’mod illi ma jkunux ta’ hsara lill-kumpannija attrici jew altrimenti jigu meqruda sabiex jitnehhew mill-kanali tal-kummerc;

L-attur nomine talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew t-tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ mija u ghoxrin motocikletta b’erba’ roti u *spare parts* da parti tal-kumpannija konvenuta jikkostitwixxi agir bi ksur tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew (EC) Numru 6/2002 tat-12 ta’ Dicembru, 2001 dwar id-Disinni Tal-Kommunita’ (*Community Designs*) u/jew tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju, 2003 dwar l-Azzjoni li ghandha tiehu d-Dwana kontra Oggetti Suspettati li Jikkontravvjenu certu Drittijiet dwar Proprjeta` Intellettwali u l-Mizuri li ghandhom Jittiehdu fil-Konfront ta’ Tali Oggetti u/jew bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4

tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u li dawn l-oggetti li issa huma maqbuda taht l-Awtorita` tad-Dwana huma oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tal-kumpannija attrici skond l-Artikolu 2(1)(b) ta' l-istess Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lill-kumpannija attrici sabiex jiddistruggu l-motocikletti b'erba' roti u *spare parts* in kwistjoni minghajr ebda kumpens lill-kumpannija konvenuta u a spejjez ta' l-istess kumpannija konvenuta skond l-Artikolu 8 tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dawn huma oggetti imdahhla b'piraterija;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kumpannija konvenuta hija responsabbli ghall-hlas ta' l-ispejjez kollha relatati mat-trasport u hazna gewwa Malta u tal-eventwali distruzzjoni tal-motocikletti b'erba' roti u *spare parts* in kwistjoni kif ukoll ta' l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana f'din il-kwistjoni;

4. Tillikwida l-istess spejjez relatati mat-trasport u hazna gewwa Malta u tal-eventwali distruzzjoni tal-motocikletti b'erba' roti u *spare parts* in kwistjoni kif ukoll ta' l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana f'din il-kwistjoni; u

5. Tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-kumpannija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

1. Illi f'dan l-istadju huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine.

Gie prezentat affidavit ta' Pavel Blata li fih issemma li l-mutur b'erba' roti Blata Quadard kien qed jigi kkupjat minghajr awtorizzazzjoni minn Cinizi u qed jitpogga ghall-bejgh, anke fuq eBay. Issemma wkoll b'mod kronologiku l-process kollu li ttiehed biex ikun jista' jinqabad il-***container*** in kwistjoni u l-kontenut tieghu jigi ezaminat biex jigi stabblit jekk kienx falsifikat jew le. Impjegat tas-socjeta` BLATA s.r.o., Mr. Lukas Vasicek, kien ikkonferma li l-oggetti kienu falsifikati.

Gie prezentat affidavit ta' George Scerri Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar li fih issemmali fl-10 ta' Ottubru 2005 kien gie nfurmat minn Lukas Vasicek li kien dahal ***container*** ECMU 1768177 abbord il-vapur CMA CGM BALZAC li seta' kellu kontenut li jikkontravjeni d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tal-prodott tieghu. Ix-xhud kien iltaqa' ma' Lukas Vasicek u ma' Dr. Vella Falzon li huwa r-rapprezentant legali tal-kumpanija Blata hawn Malta. Fil-laqgha kien gie deciz li jintalab il-hrug ta' Mandat ta' Qbid biex ikunu jista' jitnizzel l-art il-kontenut tal-***container***. Il-mandat kien igib numru 1558/05. Fil-11 ta' Ottubru 2005 il-***container*** tnizzel l-art u saritlu ***x-ray***

***scan*** permezz tas-sistema VACIS, u wara nfetah mid-dwana fil-prezenza tar-rapprezentanti tal-Freeport, rapprezentanti tal-vapur kif ukoll ta' Lukas Vasicek. Is-Sur Vasicek sostna li l-kontenut li kienu muturi b'erba' roti, kienu jikkontravjenu d-drittijiet tal-prodott tieghu. Peress li l-kumpanija Pavel Blata ghandha applikazzjoni komunitarja mad-Dwana ta' Malta, gie deciz li l-***container*** jigi trasferit gewwa newport biex jinhatt u jigi ezaminat ahjar, u dan sar fit-3 ta' Novembru 2005. Il-kumpanija Blata spezzjonat ahjar il-merkanzija in kwistjoni u sussegwentement id-Dwana giet infurmata li kien irrizulta li l-muturi u l-i***ispare parts*** kienu gew manifatturati bi ksur tad-***design right*** tal-kumpanijia Blata.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lill-kumpanijia attrici ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kummenti jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna l-attur nomine ma gie kontradett.

Rat il-verbal tas-6 ta' Gunju, 2006 li minnu rrizulta li Dr. Anthony Cutajar baqa' minghajr risposta minghand is-socjeta` konvenuta ghall-korrispondenza mibghuta minnu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. Nikolai Vella Falzon huwa mandatarju specjali tas-socjeta` estera Blata s.r.o. ghal dak li jirrgwarda l-markji u l-protezzjoni tal-markji taghha gewwa Malta. Irrizulta li matul il-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Ottubru 2005 iddahhal gewwa Malta fuq il-vapur CMA-CGM BALZAC ***container*** li kien jikkontjeni madwar 120 motocikletta b'erba' roti u xi ***spare parts*** ghall-istess motocikletti. Din il-konsenja kienet mizmuma mid-Dwana u ezaminata. Inghata kampjun lis-socjeta` Blata s.r.o. biex dan jigi ezaminat sabiex jigi stabbilit jekk dawn kienux genwini jew foloz. Instab li dawn l-oggetti kienu foloz. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Scerri Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar li semma li fil-11 ta' Ottubru 2005 l-imsemmi ***container*** gie miftuh biex jigi ezaminat. Ikkonferma li xi kampjuni gew analizzati.

Provi mill-Kuraturi Deputati ma sarux. Fir-rapport ta' Jiri Sedlak esebit a fol 39 ***et seq*** tal-process u li tieghu hemm traduzzjoni a fol 56 ***et seq*** tal-process hemm il-konkluzjoni li wasal ghaliha dan l-espert. Din tghid:
"The determined motor four-wheeler of blue color withheld by the customs authorities in Malta – as notified by the Comsumer – falls within the scope of protection of the Community design No. 000346697-0001 "Motorcycles", because it has all six fundamental shape features of the industrial design either in a quite identical version or in the version needed to reveal the differences. The determined motor four-wheler thus makes the identical overall impression in the informed user like the four-wheeler covered by the Community dEsign No. 000346697-0001 and can therefore be considered the unlawful (non-permitted) imitation of the product "BLATA QUADARD motor four-wheeler" protected by the Community design."

It-talba attrici ma hi b'ebda mod kontradetta.

L-azzjoni attrici hi bazata fuq dak li tipprovdi l-ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizura Intrakonfini) (Kap. 414).

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Il-fatti msemmija fic-citazzjoni u dikjarazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Jiri Sedlak u tal-Ufficjal tad-Dwana George Scerri u ta' Dr. Nikolai Vella Falzon, il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew t-tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' mija u ghoxrin motocikletta b'erba' roti u ***spare parts*** da parti tal-kumpannija konvenuta jikkostitwixxi agir bi ksur tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew (EC) Numru 6/2002 tat-12 ta' Dicembru, 2001 dwar id-Disinni Tal-Kommunita' (***Community Designs***) u/jew tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju, 2003 dwar l-Azzjoni illi ghandha tiehu d-Dwana kontra Oggetti Suspettati li Jikkontravvjenu certu Drittijiet dwar Proprjeta' Intellettwali u l-Mizuri illi ghandhom

Jittiehdu fil-Konfront ta’ Tali Oggetti u/jew bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u li dawn l-oggetti li issa huma maqbuda taht l-Awtorita` tad-Dwana huma oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tal-kumpannija attrici skond l-Artikolu 2(1)(b) ta’ l-istess Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lill-kumpannija attrici sabiex jiddistruggu l-motocikletti b’erba’ roti u ***spare parts*** in kwistjoni minghajr ebda kumpens lill-kumpannija konvenuta u a spejjez ta’ l-istess kumpannija konvenuta skond l-Artikolu 8 tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li dawn huma oggetti imdahhla b’piraterija. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kumpannija konvenuta hija responsabbli ghall-hlas ta’ l-ispejjez kollha relatati mat-trasport u hazna gewwa Malta u tal-eventwali distruzzjoni tal-motocikletti b’erba’ roti u ***spare parts*** in kwistjoni kif ukoll ta’ l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana f’din il-kwistjoni. Dwar it-talba ghal-likwidazzjoni ta’ l-istess spejjez relatati mat-trasport u hazna gewwa Malta u tal-eventwali distruzzjoni tal-motocikletti b’erba’ roti u ***spare parts*** in kwistjoni kif ukoll ta’ l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana f’din il-kwistjoni, ma sarux provi u ghalhekk ghalkemm il-Qorti tirriserva d-drittijiet tal-attur nomine f’dan l-istadju, ma tistax tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, b’dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------